**Introduzzjoni**

Il-Bank Ċentrali ta' Malta jikkollabora ma' awtoritajiet lokali u istituzzjonijiet internazzjonali dwar affarijiet ta' interess komuni.

Fuq livell lokali il-Bank jaħdem mill-qrib mal-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u l-Investiment, mal-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (MFSA) u l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika (NSO), kif ukoll mas-settur bankarju u finanzjarju Malti.

Fuq livell internazzjonali, barra li huwa membru tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ) u tal-Eurosistema, il-Bank għandu relazzjonijiet ma' istituzzjonijiet ekonomiċi u finanzjarji internazzjonali li tagħhom Malta hija membru.  Dawn l-istituzzjonijiet jinkludu l-Fond Monetarju Internazzjonali (IMF), il-Bank Dinji u l-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (EBRD).